**IL-MESSAĠĠ TAL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'GĦELUQ L-ASSEMBLEA DJOĊESANA 2019**

Nixtieq nirringrazzjakom tal-preżenza tagħkom hawn kif ukoll lir-rapporteurs. Nifhem li mhix ħaġa faċli li tirrakkonta dak kollu li jkun ġara fi grupp. Nitlob li min ma ħassux rappreżentat biżżejjed f'dak li ntqal li jikteb, li jikkomunika x-xewqat tiegħu. Bħalma qal l-Isqof Joe, id-dixxerniment ta' Alla u l-mod kif Alla juri r-rieda tiegħu mhix kwistjoni ta' maġġoranzi u kultant il-kelma ta' persuna, li forsi aħna nqisuha fil-periferija, tkun il-Kelma tal-Mulej li qed ikellimna. U għalhekk kulħadd għandu jħossu mgħobbi b'din ir-responsabbiltà imma wkoll imsejjaħ għal din il-missjoni, li jekk hemm xi ħaġa fil-qalb tiegħu, jesprimiha. Jista' jkun li l-kelma li qiegħda tidwi fil-qalb tiegħek hija l-kelma li l-Mulej irid jgħid lill-Knisja tiegħu u l-isqfijiet, id-devor tagħna hija li nisimgħuha u nilqugħa. Ovvjament nużaw il-kriterju ta' San Pawl: tagħrblu kollox u żżommu dak li hu tajjeb –*ommnia probate ut bonum est temete*.

Jiena tolqotni ħafna t-talba li l-Knisja titlob fil-festa ta' San Karlu Borromeo. Fit-talba ta' dan ir-ragħaj qaddis, il-Knisja titlob biex hi tiġġedded mingħajr waqfien – *ut Ecclesia indesinenter renovetur*, *indesinenter* – propju mingħajr waqfien, mingħajr ma taqta' qalbek, tenaċja kbira. Hu jagħti żewġ binarji ta' din ir-riforma, ta' din ir-rinovazzjoni tal-Knisja. L-ewwel nett li l-Knisja, hekk titlob bl-interċessjoni ta' San Karlu Borromeo fl-4 ta' Novembru ta' kull sena: li hi, il-Knisja ssir xbieha ħajja ta' Ġesù Kristu, anzi li tikkonforma ruħha max-xbieha ta' Ġesù Kristu – *Christi sei immagini conformans.*

Fil-kelma *conformans* diġà hemm programm sħiħ ta' formazzjoni. Il-formazzjoni tagħna, qed nitkellmu pereżempju Knisja li takkompanja l-formazzjoni, li aħna niġu ffurmati fix-xbieha ta' Ġesù Kristu għax aħna l-ġisem ta' Ġesù Kristu. Imma mbagħad għaliex *ut ipsius vultum mundo valeat ostende?* Biex tkun tista' turi l-wiċċ ta' Kristu lid-dinja. Min irid jiltaqa' ma' Kristu, jista' jħares lejna? Aħna qed nuru l-wiċċ ta' Kristu lid-dinja?

U ħa ngħidilkom għaliex qed tidwi f'qalbi din it-talba ta' San Karlu Borromeo. Għaliex jiena lbieraħ għidtilkom li għal ħafna żmien fit-talb kienet dejjem qed tiġi l-immaġini ta' Għemmaws, imbagħad għidtilkom li issa qed tiġini xi ħaġa oħra mbagħad xi darba ngħidilkom. U ġara li llum – ovvjament it-Tajlandja fejn kien il-Papa sitt sigħat qabilna imma llum – il-Papa qal hekk waqt li qed jitkellem mas-saċerdoti u r-reliġjużi u

l-katekisti imbagħad l-isqfijiet kompla b'din it-tema. Ħa nikkwota l-Papa u dak li qal illum it-Tajlandja, qabel ma telaq:

"Fejn ħafna raw biss midneb, midgħi, pubblikan li jiġbor it-taxxa, kriminal, saħansitra traditur – Ġesù kien kapaċi jara appostlu. Hija sbuħija li l-ħarsa tiegħu tistedinna li nħabbru, ħarsa li tittrasforma u li taf toħroġ mill-oħrajn it-tjubija kollha tagħhom".

Ħa ngħidha bit-Taljan kif qalha għax hu kien qed jtikellem bit-Taljan: "*Dove molti vedevono solo un peccatore, un blasfemo, un esaltore delle tasse, un malfattore, perfino un traditore, Gesu e' stato capace di vedere apostolo. E' la bellezza che il suo sguardo ci invita ad annunciare, uno sguardo che trasforma e che fa energere il meglio degli altri".* U din hija riflessjoni anke xprunat mill-kelma tal-Papa li wara kollox meta tkellem fuq il-ħniena, tkellem fuq il-wiċċ tal-ħniena – *misericordiae vultus.*

Aħna rridu nagħmlu dak li għamel u kien kapaċi jagħmel Ġesù anke mad-dixxipli ta' Għemmaws. Tkun ħaġa sabiħa fil-jiem li ġejjin li aħna niftakru ftit il-Mulej kemm iltaqa' ma' nies fir-rakkonti tal-erba' Evanġelji u nimmaġinawh kif ħares lejhom. L-esperjenza li qed inġorr fit-talb – għax ċerti esperjenzi tibqa' ġġorrhom – hija l-esperjenza li kelli l-aħħar li mort Ġerusalemm qabel waqaft Ġaffa fejn hemm il-knisja ta' San Pietru, li tfakkar il-viżjoni li kellu Pietru propju hu u jħares lejn il-baħar Mediterran, fuq is-setaħ tad-dar ta' Xmun li kien iħaddem il-ġild. Hu jara dan il-liżar nieżel, raha tliet darbiet din il-ħaġa, mimlija annimali puri u impuri u l-Mulej jgħidlu: "Qum u kul".

Pietru jgħidlu: "Jiena qatt ma ħadt affarijiet mhumiex safja, mhumiex puri". U dil-ħaġa ssir tliet darbiet imbagħad wara ftit iħabbat il-bieb u jidħlu tliet messaġġieri mingħand Kornelju li jistiednu biex imur u jxandarlu 'l Ġesù, avolja kien pagan (ara Atti 10: 11-15). Hemmhekk ukoll twieldet il-kattoliċità tal-missjoni ta' Pietru, twieldet il-Magħmudija tagħna wkoll. Il-Mulej li qed jinsisti li l-messaġġ tiegħu hu universali, kattoliku għal kulħadd.

Imma mbagħad Ġerusalemm kelli l-opportunità nżur qisu santwarju li jħares lejn l-Għolja taż-Żebuġ int u tħalli ċ-ċenaklu li huwa magħruf bħala San Pietro in Gallicantu. Huwa l-post li lilna jfakkarna fl-ewwel lejl li għamel Ġesù wara l-arrest tiegħu, il-kundanna mis-Sanhedrin, imma wkoll iċ-ċaħda ta' Pietru u l-ħarsa ta' Ġesù lejn l-appostlu li hu kien ħabbar u għażel bħala l-blata. Dik il-ħarsa ta' Ġesù kif jgħidilna l-Evanġelju ta' San Luqa li tippenetra l-qalb u r-ruħ ta' Pietru (Lq 22: 62). Il-ħarsa ta' Ġesù li hija l-ħarsa ta' ħniena u mogħdrija, hija ħarsa ta' kompassjoni u ta' empatija. Hija ħarsa ta' mħabba li tagħti nnifisha.

Għalhekk jiena jogħġobni ħafna l-fatt li fil-kwadru li pinġa Nathanael Theuma, hemm dak il-kalċi mferra' għax id-demm jew l-inbid imbagħad trasformat fid-demm, anzi li jsir

demm fl-Ewkaristija, huwa l-ħajja mal-ħajja mxerrda, imxerrda għall-maħfra tad-dnubiet. Hija ħarsa li tfittex.

Intom tistgħu tifhmu li rakkont ħafna għal qalbi huwa dak ta' Żakkew għal raġunijet ovvji. Għaliex nifhem il-kategorija mhux ta' Ġesù, ta' Żakkew ovvjament. Imma jekk intom ikollkom ċans titolbu fuq il-laqgħa li saret f'Ġeriko ta' Ġesù hemm pubblikan għani mhux fil-bżonn, x'kien qed ifittex Żakkew? Kellu l-flus, kellu l-poter, ovvjament kellu ħafna għedewwa, imma ried jara lil Ġesù. Imma Ġesù jħares 'l fuq. Ġesù wkoll ifittxu, il-ħarsa ta' Ġesù tfittxu lil Żakkew. Fil-fatt il-konklużjoni tar-rakkont jgħid li l-Mulej "għax dan ukoll ġie jfittex il-Mulej" (Lq 19:10). Ifittex. Ġesù fir-rakkont ta' Żakkew huwa dak li jħares u jfittex, dik il-ħarsa li tfittex biex tiltaqa' ma' dak li jkun u tagħtih il-ħarsa tal-ħniena u tal-imħabba. Kif ħares lejn Tumas meta qallu: "Newwel idek u poġġiha fil-pjagi tiegħi"? (ara Ġw 20:27). Kif iħares lejn Nathanael u Bartilmew u jgħidlu: "Dan Iżraeli li ma fihx qerq". Kif ħares lejn ommu?

Kieku jkollna aħna nirriflettu ftit fuq il-ħarsa ta' Ġesù, l-ewwel nett fuqna nfusna. Aħna ħafna drabi nkunu mimlijin rabja, umiljati minħabba d-dnubiet tagħna, il-fraġilità tagħna, imma Ġesù kif iħares lejja? Mhux b'dik il-ħarsa ta' ħniena u ta' mħabba u mogħdrija? Hija l-ħarsa ta' min jafni iżjed milli naf lili nnifsi. Il-ħarsa ta' min miet biex jiena jkolli l-ħelsien. Il-ħarsa ta' min ta ħajtu għalija. U allura jekk jiena ngħix taħt din il-ħarsa u akkompanjat minn din il-ħarsa, jien jkolli wkoll il-qawwa nħares lejn ħuti bil-ħarsa ta' Ġesù.

Kif iħares Ġesù lejn il-bnedmin li huma fostna, huma ta' liema kulur ta' ġilda huma, kif iħares lejhom Ġesù? Ghax kif qal Fr Paul jekk aħna se nieħdu l-esperjenza ta' Għemmaws irridu nifhmu li dawn it-tnejn, li kienu diġà semgħu lin-nisa jgħidulhom: 'isma' l-qabar vojt u dehrilhom', iddeċidew li din hija xi ħaġa wisq kbira. Mar jakkompanjahom, x'kienet il-ħarsa tiegħu fuqhom? Il-ħarsa mhux biss lejhom imma lejn is-Samaritana, lejn Nikodemu, lejn il-ħalliel it-tajjeb, il-ħarsa lejn Pilatu u lejn Erodi, lejn il-Qassis il-Kbir, il-ħarsa lejn il-Madalena, lejn Ġwanni d-dixxiplu l-maħbub.

Kif inħarsu lejn xulxin u kif inħarsu lejn il-proxxmu? Aħna, sfortunatament ikolli ngħid, minħabba l-passat tagħna ħafna drabi nħossuha iżjed faċli nwaħħlu t-tikketti ma' xulxin, jekk jista' jkun wara dak li jkun aħjar anzi, ħalli hu jimxi u kulħadd jaqra t-tikketta u ma jkunx jaf x'qed ngħidu minn wara dahru. Mhux il-mod kif iħares Ġesù. Aħna ħafna drabi anke bħala istituzzjoni konna iżjed faċli nittimbraw in-nies milli nħarsu lejhom kif iħares lejhom Ġesù.

U din trid tkun ukoll konverżjoni radikali li mhux qed jitlob biss minna l-Papa għax hu jinterpreta l-qalb ta' Ġesù, dik il-kariżma tiegħu għalina, imma aħna għandna bżonn

ukoll fil-konverżjoni li allura tikkontempla, tirrikonċilja, tifforma u tibgħatna nxandru u nuru lid-dinja l-wiċċ ta' Ġesù. Aħna rridu nidħlu fil-mod tiegħu kif iħares u b'hekk allura nkunu nistgħu wkoll nitgħallmu kif inħarsu lejn Alla għax hu, meta għallimna nitolbu għallimna ngħidu 'Missierna'. Imma aħna nemmnu li Alla tassew Missierna? Għax it-tama tagħna minn hemmhekk ġejja: li jiena meta nitlob Ġesù għallimni ngħid 'Missierna mhux Missieri', Missier li inti fis-smewwiet. Allura d-domanda fundamentali li jiena nipproponi lill-Knisja f'Malta hija din: il-ħarsa tiegħi, il-ħarsa tagħna hija ta' Ġesù? Qed inlaqqgħu lill-oħrajn bħalma l-Knisja titlob fil-festa ta' San Karlu Borromeo kull 4 ta' Novembru, qed inlaqqgħu lill-oħrajn mal-ħarsa ta' Ġesù?

Aħna għandna dan il-privileġġ li qegħdin fi Knisja, assemblea, *ecclesia, convocatio ecclesia.* Aħna għidna Knisja waħda, vjaġġ wieħed imma din l-unità mhix uniformità; qegħdin nimxu flimkien imma aħna lkoll differenti. Jien tgħallimt ukoll li meta timxi flimkien trid tgħaġġel naqra l-pass, ikollok saqajk qosra biex tlaħħaq mal-ieħor jew inkella kultant tiġbidlu l-ġlekk biex ma jgħaġġilx daqshekk, għax jekk aħna flimkien, m'aħniex robots, ilkoll għandna l-pass tagħna.

Is-sinodalità li nimxu flimkien tfisser din ukoll: li aħna nafu ma ngħaġġlux iżżejjed u lanqas inkarku żżejjed. Kulħadd irid jaddatta ruħu biex inkunu tassew flimkien. Min mar xi tour, xi pellegrinaġġ, jaf x'jiġifieri. Ġeneralment ikun hemm min ikun hemm fil-coach dejjem l-ewwel, u l-oħrajn li dejjem l-aħħar. Lejn it-tmiem tal-vjaġġ il-kategoriji jkunu diġà kollha waqgħu f'posthom. Ġeneralment meta jkun jonqos xi ħadd fil-count, dik jew dak, u hekk ikun għax aħna fil-pellegrinaġġ tagħna, għandna din ukoll, din id-diversità. Imma lkoll kemm aħna għandna din il-missjoni kbira.

U allura li ngħarfu lil Ġesù hu essenzjali għalina. Jiena d-dixxerniment fundamentali li nagħmel u li ħafna drabi jġibni fi kriżi mhix żgħira, hija meta naħseb ftit fuq dak li nkunu għedna dak li nkunu għamilna, dak li nkunu tlabna, dak li nkunu ppjanajna u jiena ngħid: 'Imma Ġesù fejn qiegħed f'dan kollu?' Tkun ħaġa sabiħa jekk aħna nistaqsuha din id-domanda.

Xi ħaġa oħra wkoll għaliex bħalma qal ukoll l-Isqof Joe, ejjew nieqfu nistaqsu x'inhi l-viżjoni u x'direzzjonijiet jogħġobkom u ngħidu: aħna kif se ngħixu l-ewwel fil-ħajja tat-talb, imbagħad fil-ħajja mgħixa, din il-viżjoni li jagħtina l-Evanġelju stess? L-għażla tar-rakkont ta' Għemmaws dak kollu li tfisser u għad niskopru anke bil-għajnuna ta' min hu iżjed għaref minna, li huwa iżjed qrib it-test oriġinali. Min studja u min jgħallem l-Iskrittura għandu post importanti, essenzjali fil-Knisja għax qed iwasslilna l-Kelma ta' Ġesù.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Il-Papa ddikjara wkoll ġurnata għall-Kelma ta' Alla fis-26 ta' Jannar li ġej, u nixtieq li aħna propju nidħlu f'dan l-ispirtu li fih jixtieq li aħna nkunu għall-Knisja. Imma importanti ħafna li dak kollu li qed nippreparaw, li ddiskutejna, dejjem ikun b'riferiment lejn Ġesù. Jekk aħna nżommu l-focus tagħna fuqu, inħoss li ħafna affarijiet nifhmuhom iżjed fid-dawl veru tagħhom.

Jiena nixtieq nirringrazzja ħafna anke lilkom li dan il-vjaġġ – għax Knisja waħda, vjaġġ wieħed – mal-vjaġġ aħna qtajna l-biljetti llum, jiġifieri rrid jibda dan l-imbierek vjaġġ – nagħmluh flimkien, anke nentużjażmaw lill-oħrjan mhumiex qegħdin hawn illum, imma nippreżentawhom se niltaqgħu magħhom, nentużjażmawhom biex inkunu flimkien. Jista' jkun li nhar il-Ħadd il-mixja ta' fidi ma nagħmluhiex minħabba x-xita, imma l-mixja ta' fidi vera tagħna mhix dik simbolika minn Kristu Re sa San Ġwann inma din li qed ngħixu flimkien.

U għalhekk, biex nikkonkludi, nirringrazzjakom tal-paċenzja tagħkom, nitlob 'l Alla bl-interċessoni tal-qaddisin, ta' San Ġorġ Preca, il-qaddisin Maltin kollha, biex aħna niġġeddu mill-Ispirtu qaddis tal-Mulej bla waqfien *indesinente,* imma għaliex? Biex aħna nsiru xbieha sabiħa ta' Kristu u nkunu nistgħu nagħtu l-ħarsa tiegħu, inwasslu l-ħarsa tiegħu lid-dinja. Grazzi!

✠ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta